

Nhar it-Tnejn 21 ta' April, fis-7.35am hekk kif qed niċċelebraw l-Għid il-Kbir, il-Papa Franġisku għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-età ta' 88 sena. Inkomplu nitolbu għal ruħu sabiex Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, jerfgħu fuq spallejh u jdaħħlu fil-mergħat ta' dejjem. Il-funeral isir is-Sibt 26 ta' April, fl-10.00am.

**L-ilbies tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof** ser jingħata nhar l-Erbgħa 30 ta' April. Dan jista' jinġabar mill-4.30pm sas-6.30pm minn Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13 (ħdejn il-Każin tal-Banda). Fl-istess ħin ser ikun hemm il-fotografu apposta sabiex jieħu ritratt lit-tfal kollha għall-ktejjeb li jingħatalhom b'tifkira. Min ma jistax jattendi għandu jibgħat email fuq nadurparishmxuereb@gmail.com sabiex jingħata appuntament ieħor.

**IL-ĦAMIS 1 TA' MEJJU, FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM**
**Iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina** jiftħu mis-7.00am sas-6.00pm;
**Il-Quddies tal-5.00pm u tas-7.00pm** se jsir fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, peress li fil-Bażilika jkun hemm it-tħejjijiet għall-Oratorju *Rabtietna*.

**IL-ĠIMGĦA 2 TA' MEJJU, L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR**
**Fil-Bażilika** jkun hemm l-Adorazzjoni u Quddiesa fil-11.00am;
**Fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina** jkun hemm Quddiesa fil-5.00pm;
**Fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù** jsir il-Quddies tal-5.00pm, is-Siegħa tal-Ħniena Divina fil-5.30pm u l-Quddiesa tas-7.00pm (minflok ma jsiru fil-Bażilika);
**Fil-Bażilika** fit-8.00pm jibda l-Oratorju *Rabtietna*.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

**FESTA TAL-ĦNIENA DIVINA** llum il-Ħadd 27 ta' April ser niċċelebrawha flimkien permezz ta' Siegħa Adorazzjoni fl-4.00pm u Quddiesa fil-5.00pm.

**IT-TNEJN 28 TA' APRIL, JUM IT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA** ser niċċelebrawh flimkien fil-Bażilika waqt konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet, fis-7.00pm.

**GRUPP TA' TALB TA' PATRI PIJU:** it-Tnejn, 28 ta' April, fl-4.00pm fil-kappella tas-Sorijiet, Adorazzjoni, Rużarju u Quddiesa. Mal-intenzjonijiet għall-vokazzjonijiet u l-morda nitolbu wkoll għall-għażla ta' Papa ġdid.

**KATEKEŻI GĦAR-ROMOL:** it-Tnejn, 28 ta' April, fis-5.45pm, fil-Mużew qadim tal-bniet, Triq Rakela Camilleri. Inħeġġu lir-romol kollha, irġiel u nisa sabiex jingħaqdu magħna.

**IL-ĦIN TAT-TAGĦLIM FIL-MUSEUM TAL-BNIET**: mit-Tnejn, 28 ta' April ser ikun dan:
Year 1 sa 4: mill-5.00pm sas-5.45pm
Year 5 'l fuq: mis-6.00pm sas-6.45pm

**RUŻARJU FIL-PUBBLIKU** matul ix-xahar ta' Mejju f'żoni differenti tar-raħal. Kulħadd mistieden jingħaqad magħna, nhar il-Ħamis 1 ta' Mejju fi Ġnien il-Kunsill. Jibda fis-6.00pm. Matul Mejju jingħad ir-Rużarju wkoll fil-knisja qabel l-aħħar quddiesa.

**L-Għaqda tan-Nar S.Pietru u S.Pawl** tixtieq tavża li minn nhar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju, il-membri tal-Għaqda tagħna ser ikunu qed iduru bieb bieb biex jagħmlu l-ġabra b'risq in-nar tal-festa. Bl-għajnuna tagħkom inkunu nistgħu norganizzaw programm ta' nar kif jixraq għall-festa tal-patruni tagħna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom. Dawk li ma nsibuhomx id-dar se nħallulhom envelop li jista' jintefa' fil-kaxxa tal-ittri tal-uffiċċju tal-Għaqda tan-Nar fi, *Strada Rjali*, Triq Diċembru 13, in-Nadur.

**IL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM**, ser niċċelebrawha flimkien nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju permezz ta' konċelebrazzjoni solenni fil-5.00pm u purċissjoni qasira dritt wara.

**Grazzi tal-ġenerożità kbira tagħkom.** Dan l-aħħar sar diversi ġbir u ma kellniex l-okkażjoni nirringrazzjawkom.
Fil-gazzetta tan-Nadur li jmiss għandu joħroġ rapport iktar dettaljat, u komplut tal-offerti kollha li daħlu l-parroċċa f'dawn l-ewwel xhur tas-sena 2025. Il-Mulej iroddilkom hu, tal-ġid li qed tagħmlu ma' kull min hu fil-bżonn!